# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 19**

**Rikors numru 1084/17/1 CFS**

**Carmen Zammit**

**v.**

**Dr. Paul Portelli u Dr. Anna Maria Portelli**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet l-attriċi Carmen Zammit u li jaqra hekk:

> "1. ILLI l-esponenti kienet tat lill-intimati s-somma ta' tmint elef lira Maltija (Lm8,000) permess ta' skrittura privata datata 4 t'April 2006 (kopja tagħha **hawn annessa u mmarkata Dok A**) illum ekwivalenti għal tmintax-il elf, sitt mija, disgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (**€18,659.67**), kif ukoll fl-ammont ulterjuri ta' Lm12,000, illum €27,840 liema ammont ukoll ingħata b'donazzjoni permezz ta' skrittura

privata oħra datata 27 ta' Lulju 2005 li hija hawn annessa u mmarkata Dok CZ1;

2. ILLI tali għotja ta' flus, għalkemm ta' ammont sostanzjali, speċjalment meta meħud in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi u ċioe` li ngħata minn mara ta' sittin sena li kienet separata, lil bintha u żewġha, ma saritx b'att pubbliku u b'hekk hija nulla skont l-Artikolu 1753 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. ILLI s-somma msemmija qegħda preżentament tintalab lura preliminarjament għal din ir-raġuni.

4. ILLI di piu, meta ngħatat is-somma, l-intimati kienu ben konsapevoli tal-fatt illi l-ammont kien qiegħed jingħata mill-esponenti lil bintha u żewġha, f'dawk il-kwalitajiet, għat-trawwiem u sussistenza taż-żwieġ tagħhom. B'hekk kien hemm kundizzjoni resoluttiva taċita, illi jekk tali żwieġ ma jibqgħax jissussisti, id-donazzjoni tkun tista' titħassar, hekk skont l-Artikolu 1785 tal-Kodiċi Ċivili.

5. ILLI llum il-ġurnata tali żwieġ jinsab miksur u dan stante l-komportament tal-intimat Paul Portelli fil-konfront ta' bint l-esponenti, Anna Maria Portelli; liema ksur taż-żwieġ, allura, jammonta għas-seħħ ta' kundizzjoni resoluttiva taċita hekk kif hawn fuq spjegat.

6. ILLI għalhekk, l-esponenti qegħda preżentament titlob lura s-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija, tmienja u sittin Ewro (**€46,568**) stante li preliminarjament, id-donazzjoni ma saritx b'att pubbliku u allura kien null *ab initio*, u stante s-seħħ ta' kondizzjoni resoluttiva taċita u ċioe` l-ksur taż-żwieġ tal-intimati.

7. ILLI minkejja diversi interpellazzjonijiet minn naħa tar-rikorrenti sabiex l-intimati jħallsu l-ammont dovut, u dan anke permess ta' ittra uffiċċjali datata 21 ta' Frar 2017 (kopja **hawn annessa u mmarkata Dok B**), huma baqgħu inadempjenti.

8. ILLI għalhekk kellha ssir din il-kawża.

GĦALDAQSTANT l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara u tiddeċiedi li, għar-raġunijiet premessi u oħrajn li joħorġu mil-liġi, l-intimati huma solidalment responsabbli għall-ammont pretiż li huwa llum dovut; u

2) Tikkundanhom konsegwentement iħallsu solidalment l-ammont pretiż ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija, tmienja u sittin Ewro (**€46,568**).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali interpellatorja datata 21 ta' Frar 2017, bl-imgħaxijiet u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni".

2. Rat in-nota ta' Anna Maria Portelli tal-1 ta' Frar, 2018, li biha qed taċċetta t-talbiet kif dedotti:

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Dr. Paul Portelli li bis-saħħa tagħha eċċepixxa illi:

> "1. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti jiġi eċċepit illi r-rikors ġuramentat odjern huwa irritu u null stante illi l-premessi u t-talbiet kontenuti fih huma konfliġġenti u kontradittorji u jħaltu flimkien żewġ azzjonijiet totalment distinti u separate, fis-sens illi, kif jidher mill-premessi kollha u partikolarment il-paragrafi sitta (6) tal-premessi li fuqhom jistrieħu t-talbiet attriċi, hija qegħda teżerċita bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni għar-rexissjoni u/jew nullita` tal-allegata donazzjoni mertu tal-kawża [liema azzjoni tippresupponi donazzjoni ġuridikament eżistenti iżda li trid tiġi annullata a bażi ta' allegazzjoni li fiha nieqsa l-element li ma saritx b'att notarili] u wkoll qed teżerċita l-azzjoni a bażi tal-Artikolu 1785 tal-Kodiċi Ċivili [liema azzjoni tippresupponi donazzjoni valida li fiha l-elementi essenzjali rikjest mil-liġi għall-eżistenza tagħha jissussistu iżda fejn qed jiġi allegat li din għandha titħassar minħabba li kienet soġġetta għal kondizzjoni risoluttiva taċita], liema azzjonijiet jeskludu lil xulxin.[1]
>
> 2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju jiġi eċċepit li r-rikors ġuramentat huwa nsostenibbli stante li l-premessi u t-talbiet huma konfliġġenti u kontradittorji kif ġja spjegat fl-ewwel eċċezzjoni preliminari.
>
> 3. Illi in linea wkoll preliminari l-esponent jeċċepixxi li b'effett kif l-azzjoni attriċi ġiet formulata, dan qed jagħmilha impossibbli għall-konvenut dwar kif għandu jikkontesta l-kawża.
>
> 4. Illi bla preġudizzju u fi kwalunkwe każ l-eċċipjent isostni li l-attriċi qatt ma ddonat is-somma in kwistjoni lilu u lill-konvenuta l-oħra martu u l-allegata donazzjoni hija semmai waħda fittizja kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
>
> 5. Illi bla preġudizzju, jekk il-kawża hija bbażata fuq in-nullita tal-att ta' donazzjoni abbażi tal-artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili, l-eċċipjent jissottometti li fiż-żmien tal-allegata donazzjoni, kienu japplikaw fil-

[1] Vide Mary Grech et vs Maria Borg (Rif 1238/2012) Appell Superjuri decis fit-28 ta' Marzu 2014.

konfront tal-partijiet id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1753(2)(a) u kwindi ma kienx jeħtieġ il-formalita` ta' att notarili.

6. Illi bla preġudizzju, jekk il-kawża hija bbażata fuq allegata donazzjoni valida iżda soġġetta għal kondizzjoni risoluttiva taċita, l-eċċipjent jeċċepixxi li mhuwiex minnu li l-allegata donazzjoni kienet semmai soġġetta għal tali kondizzjoni. Qatt ma kien previst jew kontemplat tnax (12) il-sena ilu li l-partijiet kienu ser jisseparaw kif bħalissa qegħdin minħabba proċeduri istitwiti mhux mill-eċċipjent iżda minn martu, bint l-attriċi. Huwa ta' min jirrileva li f'tali proċeduri l-istess martu (bint l-attriċi) qegħda ovvjament tirreklama is-somma ta' din id-donazzjoni bħala keditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

7. Illi bla preġudizzju, jekk il-kawża hija bbażata fuq allegata donazzjoni valida iżda verament soġġetta għal kondizzjoni risoluttiva taċita, l-eċċipjent jeċċepixxi l-*lis alibi pendens* peress li l-attriċi qed tibbaża l-ksur ta' tali kondizzjoni fuq l-allegazzjoni li ż-żwieġ jinsab miksur minħabba l-komportament tal-eċċipjent fil-konfront ta' bint l-attriċi (paragrafu ħamsa{5} tar-rikors ġuramentat), liema tort għad irid jiġi deċis fil-kawża ta' separazzjoni bejn l-eċċipjent u martu (Rikors Ġuramentat Numru 251/16RGM fl-ismijiet "*Anna Maria Portelli vs Paul Joseph Portelli*" pendent quddiem il-Qorti Ċivili [Sezzjoni tal-Familja]).

8. Illi bla preġudizzju, ġaladarba l-attriċi mhijiex qed tallega xi tort minn naħa tal-konvenuta l-oħra (bintha), u ġaladarba l-allegata donazzjoni saret lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, l-attriċi għandha biss dritt titlob lura nofs l-ammont allegatament donat".

4. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-imsemmi konvenut li bis-saħħa tagħha eċċepixxa illi:

"1. Illi biż-żieda tal-allegata donazzjoni datata 27 ta' Lulju 2018 l-eċċipjent jikkonferma li in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti illi r-rikors ġuramentat odjern kif korrett huwa irritu u null stante illi l-premessi u t-talbiet kontenuti fih huma konfliġġenti u kontradittorji u jħaltu flimkien żewġ azzjonijiet totalment distinti u separati, fis-sens illi, kif jidher mill-premessi kollha u partikolarment il-paragrafu sitta (6) tal-premessi li fuqhom jistrieħu t-talbiet attriċi, hija qegħda teżerċita bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni għar-rexxisjoni u/jew nullita` tal-allegati donazzjonijiet meritu tal-kawża [liema azzjoni tippresupponi donazzjonijiet ġuridikament eżistenti iżda li trid tiġi annullata a bażi ta' allegazzjoni li fiha nieqsa l-element li ma saritx b'att notarili] u ukoll qed teżerċita l-azzjoni a bażi tal-Artikolu 1785 tal-Kodiċi Ċivili [liema azzjoni tippresupponi donazzjonijiet validi li fihom l-elementi essenzjali rikjesti mil-liġi għall-eżistenza tagħhom iżda fejn

qed jiġi allegat li dawn għandhom jitħassru minħabba li kienu soġġetta għal kondizzjoni risoluttiva taċita], liema azzjonijiet jeskludu lil xulxin.

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, anke biż-żieda u korrezzjoni magħmula fir-rikors ġuramentat, jiġi eċċepit li r-rikors ġuramentat huwa nsostenibbli stante li l-premessi u t-talbiet huma konfliġġenti u kontradittorji kif ġja spjegat fl-ewwel eċċezzjoni preliminari.

3. Illi in linea ukoll preliminari l-esponent jeċċepixxi li b'effett kif l-azzjoni attriċi ġiet formulata, dan qed jagħmilha impossibbli għal-konvenut dwar kif għandu jikkontesta l-kawża.

4. Illi bla preġudizzju u fi kwalunkwe każ l-eċċipjent issostni li l-attriċi qatt ma ddonat is-somma imsemmija fl-iskrittura tas-27 ta' Lulju 2005 lilu u lill-konvenuta l-oħra martu u l-allegata donazzjoni hija semmai waħda fittizja kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

5. Illi bla preġudizzju, jekk il-kawża hija bbażata fuq in-nullita tal-att ta' donazzjoni abbażi tal-Artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili, l-eċċipjent jissottometti li fiż-żmien tal-allegata donazzjoni, kienu japplikaw fil-konfront tal-partijiet id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1753(2)(a) u kwindi ma kienx jeħtieġ il-formalita ta' att notarili.

6. Illi bla preġudizzju, jekk il-kawża hija bbażata fuq allegata donazzjoni valida iżda soġġetta għal kondizzjoni risoluttiva taċita, l-eċċipjent jeċċepixxi li mhuwiex minnu li l-allegata donazzjoni kienet semmai soġġetta għal tali kondizzjoni. Qatt ma kien previst jew kontemplat tnax (12) il-sena ilu li l-partijiet kienu ser jisseparaw kif bħalissa qegħdin minħabba proċeduri istitwiti mhux mill-eċċipjent iżda minn martu, bint l-attriċi. Huwa ta' min jirrileva li f'tali proċeduri l-istess martu (bint l-attriċi) qegħda ovvjament tirreklama is-somma ta' din id-donazzjoni bħala kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

7. Illi bla preġudizzju, jekk il-kawża hija bbażata fuq allegata donazzjoni valida iżda verament soġġetta għal kondizzjoni risoluttiva taċita, l-eċċipjent jeċċepixxi l-*lis alibi pendens* peress li l-attriċi qed tibbaża l-ksur ta' tali kondizzjoni fuq l-allegazzjoni li ż-żwieġ jinsab miksur minħabba l-komportament tal-eċċipjent fil-konfront ta' bint l-attriċi (paragrafu ħamsa{5} tar-rikors ġuramentat), liema tort għad irid jiġi deċis fil-kawża ta' separazzjoni bejn l-eċċipjent u martu (Rikors Ġuramentat Numru 251/16RGM fl-ismijiet "*Anna Maria Portelli vs Paul Joseph Portelli*" pendent quddiem il-Qorti Ċivili [Sezzjoni tal-Familja].

8. Illi bla preġudizzju, ġjaladarba l-attriċi mhijiex qed tallega xi tort minn naħa tal-konvenuta l-oħra (bintha), u ġjaladarba l-allegata donazzjoni saret lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, l-attriċi għandha biss dritt titlob lura nofs l-ammont allegatament donat".

5. Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' April, 2022, li in forza tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens li ġej:

> "i. **Tiċħad** l-ewwel tliet eċċezzjonijiet imressqa fl-ewwel u fit-tieni risposta maħlufa tal-konvenut Paul Portelli għaliex il-qorti ma sabet xejn irritwali jew null bil-mod ta' kif tfassal ir-rikors maħluf;
>
> ii. **Tiċħad** ir-raba', il-ħames u s-seba' eċċezzjonijiet mressqa fl-ewwel u fit-tieni risposta maħlufa tal-konvenut Paul Portelli peress li dawn instabu li mhumiex tajbin;
>
> iii. **Tilqa'** s-sitt eċċezzjoni mressqa fl-ewwel u fit-tieni risposta maħlufa tal-konvenut Paul Portelli peress li ma rriżultax li d-donazzjonijiet tas-27 ta' Lulju, 2005 u tal-4 ta' April, 2006 huma suġġetti għal xi kundizzjoni riżoluttiva taċita;
>
> iv. **Tilqa'** limitatament it-tmien eċċezzjoni mressqa fl-ewwel u fit-tieni risposta maħlufa tal-konvenut Paul Portelli billi tiddikjara li huwa għandu jrodd lura biss lil Carmen Żammit nofs l-ammont ta' €45,568;
>
> v. **Tilqa'** limitatament l-ewwel talba ta' Carmen Żammit u tiddikjara li l-konvenuti Paul Portelli u Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina) huma responsabbli għall-ammont ta' €45,568 mhux *in solidum* bejniethom iżda fis-sehem ta' nofs kull wieħed u dan minħabba li d-donazzjonijiet tas-27 ta' Lulju, 2005 u tal-4 ta' April, 2006 ma jiswewx minħabba li dawn ma sarux b'att pubbliku skont l-**artikolu 1753 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;
>
> vii. **Tilqa'** limitatament it-tieni talba ta' Carmen Żammit u tordna lill-konvenuti Paul u Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina) sabiex iħallsu l-ammont ta' €45,568 fis-sehem ta' nofs kull wieħed, bl-imgħax bit-8% fis-sena, li jibda miexi mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar, 2017;
>
> Fl-aħħar nett, **tordna** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-kawża, magħdud magħhom l-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar, 2017 jitħallsu mill-konvenuti Paul Portelli u Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina) fis-sehem ta' nofs kull wieħed".

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "17. L-attriċi Carmen Żammit infirdet minn ma' żewġha Alfred Azzopardi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali magħmul fl-atti tan-nutar

Liza Camilleri fid-9 ta' Ġunju, 2005 (ara kopja tal-kuntratt minn paġni 63 sa 66 tal-atti tal-kawża). F'dan il-kuntratt ġiet likwidata u maqsuma l-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejniethom. Min-naħa tagħha, bis-saħħa ta' din il-qasma Carmen Żammit ċediet sehemha mid-dar matrimonjali iżda hija rċeviet is-somma ta' Lm34,000;

18. Minħabba s-separazzjoni Carmen Żammit ma kienx għad għandha saqaf fuq rasha u għalhekk hija marret toqgħod għand il-konvenuti. Hija bdiet tgħix b'mod separat għaliha fil-kantina tad-dar tagħhom, wara li għamlet numru ta' spejjeż fiha sabiex iġġibha abitabbli;

19. Bejn il-partijiet, b'kollox saru tliet kitbiet privati, tnejn fis-sena 2005 u waħda fis-sena 2006. Il-kopji oriġinali ta' dawn il-kitbiet ġew imressqa bħala prova f'din il-kawża mill-attriċi Carmen Żammit u jinsabu mmarkati bħala 'Dok. MC1', 'Dok. MC2' u 'Dok. MC3'. Dawn it-tliet dokumenti ma jiffurmawx parti mill-atti iżda b'digriet tat-28 ta' Mejju, 2019, qegħdin jinżammu fis-sigrieta tal-qorti wara li saret talba għal dan il-għan mill-avukat difensur ta' Carmen Żammit;

20. Dok. MC1 jikkonsisti f'kitba privata datata **27 ta' Lulju, 2005**, li hija ffirmata kemm mill-partijiet kollha f'din il-kawża u kif ukoll mill-avukat Leslie Cuschieri bħala xhud tal-firma u tal-identità tal-partijiet. Permezz ta' din il-kitba l-attriċi Carmen Żammit tat Lm12,000 b'donazzjoni lill-konvenuti. Din l-iskrittura taqra hekk:

> *"Il-partijiet jiddikjaraw li Carmen Żammit qiegħda tagħti ex gratia lill-konjuġi Portelli l-ammont ta' tnax-il elf lira (Lm12,000), peress li l-komparenti Anna Portelli hija bintha, u għal liema somma hija ma qed tippretendi l-ebda korrispettiv".*

21. Jumejn wara, jiġifieri fid-**29 ta' Lulju, 2005**, il-partijiet f'din il-kawża reġgħu dehru quddiem l-avukat Leslie Cuschieri fejn huma ffirmaw kitba privata oħra (Dok. MC2), li din id-darba kienet waħda ta' self. Permezz ta' din l-iskrittura ġie miftiehem hekk:

> *"Il-partijiet jiddikjaraw li Carmen Żammit għaddiet lill-konjuġi Portelli l-ammont ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) bħala self brevi manu, liema somma għandha titħallas lura fi żmien 10 snin mil-lum, bla interessi".*

22. Imbagħad, ftit inqas minn sena wara, preċiżament fl-**4 ta' April, 2006**, il-partijiet iffirmaw it-tielet u l-aħħar kitba privata (Dok. MC3), liema kitba hija wkoll iffirmata mill-avukat Leslie Cuschieri. Din l-iskrittura tgħid hekk:

> *"Il-partijiet jiddikjaraw li Carmen Żammit qiegħda tagħti ex gratia lill-konjuġi Portelli l-ammont ta' tmint elef lira (Lm8,000), peress li l-komparenti Anna Portelli hija bintha, u għal liema somma hija ma qed tippretendi l-ebda korrispettiv".*

23. Il-kawża tal-lum tolqot biss il-kitbiet, li permezz tagħhom saru ż-żewġ donazzjonijiet, jiġifieri dawk tas-27 ta' Lujlu, 2005 u tal-4 ta' April,

2006. Dwar il-kitba tas-self li saret fid-29 ta' Lulju, 2005, l-attriċi Carmen Żammit ukoll kienet fetħet kawża sabiex hija tiġbor lura l-ammont misluf minnha lill-konvenuti (ara r-rikors maħluf tagħha minn paġni 1 sa 10 tal-kawża bin-numru 1085/2017MCH). Madankollu, it-talbiet tagħha f'dik il-kawża kienu ġew milqugħa b'sentenza mogħtija fis-17 ta' Jannar, 2018, wara li l-konvenuti ammettew it-talbiet li ġew mressqa fil-konfront tagħhom;

24. Aktar tard fis-sena 2016, il-konvenuta Anna Maria Portelli fetħet kawża sabiex hija tissepara minn mal-konvenut Paul Portelli (il-kawża bir-rikors maħluf numru 251/2016AGV). Fil-fatt b'sentenza tat-22 ta' Mejju, 2019, mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ġiet mitmuma l-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejniethom (ara l-imsemmija sentenza minn paġni 1215 sa 1220 tal-atti tal-kawża) iżda s-smigħ dwar il-qasma tal-assi tagħhom għadu għaddej;

25. Imbagħad, fl-24 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti tal-Appell tat digriet fejn hija laqgħet it-talba ta' Anna Maria Portelli sabiex tiġi reġistrata fl-atti taż-żwieġ ċivili ta' bejn il-konvenuti Portelli, id-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tat-28 ta' Novembru, 2018 fejn kien ġie ddikjarat null iż-żwieġ ta' bejniethom;

26. Issa l-attriċi Carmen Żammit qiegħda tgħid li ż-żewġ donazzjonijiet saru kemm sabiex hija tgħin lill-konvenuti Portelli u lill-familja tagħhom fl-għajxien tagħhom u kif ukoll bil-patt li hija tgħix magħhom minflok ma jkollha tixtri jew tikri post għaliha. Hija ssostni li hija fetħet din il-kawża biex titlob lura l-flus li għadditilhom għaliex il-konvenut Paul Portelli daħak biha peress li dawk il-flus ma kinux intużaw għall-benefiċċju tal-komunjoni li kien hemm bejn il-konvenuti. Tgħid ukoll li l-patt li kien hemm marbut mal-imsemmija donazzjonijiet spiċċa u għalhekk hija kellha ssib post fejn toqgħod;

27. Min-naħa l-oħra, il-konvenut Portelli jiċħad li l-attriċi Carmen Żammit kienet tat lilu u lil Anna Maria Portelli xi flus bħala rigal. Jgħid li huma kienu marru biss għand l-avukat Cuschieri sabiex jiffirmaw il-kitba privata dwar is-self, liema self kien ingħata lilhom mingħajr imgħax sabiex huma jkunu jistgħu jaqtgħu mis-self li kellhom mal-bank. Għalhekk, skontu, l-unika kitba li saret kienet dik tad-29 ta' Lulju, 2005, liema kitba kienet dwar is-self u li dwarha diġà hemm sentenza li għaddiet f'ġudikat. Il-konvenuta l-oħra Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina) iżda tistqarr li l-attriċi għandha raġun f'dak li qed titlob;

28. B'kollox, l-attriċi Żammit qiegħda tippretendi li hija titħallas lura l-ammont ta' €45,568, li hija kienet tat lill-konvenuti fiż-żewġ donazzjonijiet, magħdud magħhom l-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar 2017;

***Konsiderazzjonijiet***

29. Għalkemm il-konvenuta Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina) ammettiet it-talbiet tal-attriċi Carmen Żammit, dawn it-talbiet xorta waħda jinsabu kkontestati mill-konvenut Paul Portelli. Għalhekk, minkejja l-ammissjoni tal-konvenuta Anna Maria Portelli din il-qorti xorta jeħtiġilha tistħarreġ it-talbiet tal-attriċi flimkien mal-eċċezzjonijiet ta' Paul Portelli fil-mertu tagħhom;

30. Qabel ma din il-qorti tgħaddi biex tqis it-talbiet ta' Carmen Żammit ikun xieraq li qabel xejn jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet ta' Paul Portelli li huma ta' xejra preliminari;

31. Il-qorti tinnota wkoll li l-eċċezzjonijiet imressqa minn Paul Portelli fit-tieni tweġiba tiegħu huma prattikament identiċi għal dawk li huwa qanqal fl-ewwel tweġiba maħlufa tiegħu. Għalhekk, id-difiżi ta' Paul Portelli, kemm dik mressqa fir-rigward tad-donazzjoni magħmula permezz tal-kitba privata tas-27 ta' Lulju, 2005 u kif ukoll dik li mressqa fir-rigward tad-donazzjoni magħmula permezz tal-kitba privata tal-4 ta' April, 2006 għandhom l-istess sisien;

32. Din il-qorti sejra tibda billi tqis **<u>l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Paul Portelli, li jinsabu kemm fl-ewwel u kif ukoll fit-tieni risposta maħlufa tiegħu</u>**. Dawn l-eċċezzjonijiet huma marbuta flimkien għax lkoll kemm huma jolqtu s-siwi tal-azzjoni mressqa minn Carmen Żammit;

33. F'dawn l-eċċezzjonijiet Paul Portelli jisħaq li l-kawża mitfuħa minn Carmen Żammit hija nulla għaliex tikkonsisti fi premessi u talbiet li huma kunfliġġenti u li ma joqogħdux flimkien. Ifisser li l-attriċi ma tistax tixli li d-donazzjonijiet huma nulli għaliex dawn ma sarux permezz ta' att nutarili u mbagħad fl-istess nifs, taċċetta li dawn id-donazzjonijiet huma validi iżda tgħid li l-flejjes mogħtija għandhom jintraddu lura għaliex dawn kienu soġġetti għal kundizzjoni riżoluttiva taċita li ġiet miksura. Huwa jistqarr li minħabba fil-manjiera kontradittorja li biha ġiet miktuba l-azzjoni huwa qiegħed isibha impossibbli li jiddefendi ruħu u jikkonstesta t-talbiet tal-attriċi;

34. Din il-qorti tqis li n-natura tal-azzjoni hija determinata mill-karatteristiċi tagħha. Dawn il-karatteristiċi joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża. Qari mirqum tar-rikors maħluf li bih infetħet il-kawża jwassal lil dak li jkun biex jifhem li l-attriċi sejset l-azzjoni tagħha fuq ħlas lura ta' flejjes li ġew mogħtija minnha b'donazzjoni lill-konvenuti. Hija qiegħda titlob lill-qorti ssib lill-imħarrkin responsabbli għall-ħlas lura mitlub;

35. Għalkemm il-qrati tagħna ħaddnu l-pożizzjoni x'aktarx prattika li kemm jista' jkun jaraw li l-kawżi jkunu salvati u li l-azzjonijiet jitqiesu fil-mertu propriju tagħhom, il-liġi għadha tagħraf li f'ċerti ċirkostanzi hemm azzjonijiet li ma jistgħux joqogħdu flimkien. Hekk pereżempju, azzjoni possessorja u waħda petitorja huma inkompatibbli u ma jistgħux joqogħdu flimkien fl-istess att (ara ***Joseph Debono v. Michael Mifsud***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru, 2009);

36. Għalhekk, filwaqt li ħadd ma jista' jindaħal lill-parti attriċi fl-għażla tagħha dwar liema azzjoni hija tixtieq tmexxi 'l quddiem, hemm ċerti għażliet li ma jħallux lill-istess parti titfa' kollox f'qoffa waħda bit-tama li xi parti mill-azzjoni tagħha tirrendi l-frott. Meqjus dan, din il-qorti tħaddan it-tagħlim ġurisprudenzjali li att ġudizzjarju m'għandux jitħassar kif ġieb u laħaq, u safejn possibbli dan għandu jiġi salvat. Tassew, kwistjoni sostantiva m'għandhiex tintrema' 'l barra għalkollox minħabba difett fil-formalità (ara ***Keyland Co Ltd et v. Josephine Xuereb***, Appell Inferjuri, 15 ta' Jannar, 2010 u ***George Żammit et v. Emmanuel Aġius et***, Appell Superjuri, 28 ta' April, 2021);

37. Wara kollox, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi ta' att ġudizzjarju ma tistax tirnexxi jekk kemm-il darba dak in-nuqqas ikun jista' jissewwa taħt xi dispożizzjoni tal-liġi (ara l-**artikolu 789(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Madankollu, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-multipliċità ta' talbiet fl-azzjoni mhijiex waħda mill-każijiet li tagħmel l-azzjoni nulla skont l-**artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

38. Terġa' u tgħid, l-azzjoni attriċi ma tistax titqies kunfliġġenti minn għeruqha jekk din tkun mibnija fuq iżjed minn kawżali waħda (ara ***Paul Bonello et v. Ramel u Żrar Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021). Wara kollox, ma hemm xejn fil-liġi li jżomm attur milli jiġma' f'azzjoni waħda aktar minn talba waħda, mibnija fuq aktar minn sies legali jew ġuridiku wieħed (ara ***Martin Gerada et v. Joseph Ciscaldi et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Mejju, 2013). Hekk ukoll, il-fatt li kawża tkun imsejsa fuq aktar minn binarju wieħed, ma jagħmilhiex impreċiża jew nulla (ara ***A&CE Joseph Barbara et v. Joseph Meli Buġeja nomine***, Appell Superjuri, 11 ta' Diċembru, 1967 u ***Calcedonia Pace v. Patrick Pace, Appell Superjuri, 30 ta' Ottubru, 2015***). Dan sakemm il-kawżali li jsawruha ma jkunux ta' għamla li ma jkunux jistgħu joqogħdu għalkollox flimkien (ara ***Saveria Sciortino et v. Carmelo Micallef***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ġunju, 1959 u ***Mary Grech et v. Maria Borġ*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014);

39. F'dan il-każ, l-għan tal-azzjoni mressqa mill-attriċi huwa wieħed, jiġifieri li hija tiġbor lura l-flus li hija tat b'donazzjoni lill-konvenuti. Carmen Żammit issejjes din il-pretensjoni tagħha fuq żewġ raġunijiet: (i) in-nullità tad-donazzjonijiet minħabba f'difett fil-formalità tagħhom, u (ii) f'każ li d-donazzjonijiet huma validi, id-dħul fis-seħħ ta' kundizzjoni riżoluttiva taċita li għaliha hija tgħid li kienu suġġetti d-donazzjonijiet;

40. Il-konvenut Paul Portelli jisħaq fl-eċċezzjonijiet tiegħu li dawn iż-żewġ raġunijiet ma jmorrux flimkien. Din il-qorti però ma taħsbiha xejn bħalu għaliex hija ma tara xejn kontradittorju bil-mod ta' kif l-attriċi ressqet it-talbiet tagħha. M'hemm xejn ħażin jew irregolari li l-attriċi bħala l-ewwel rimedju tipprova tattakka s-siwi tal-donazzjoni fuq il-bażi ta' nuqqas ta' ħarsien ta' aspett formali li huwa mitlub mil-liġi; u bħala rimedju sussidjarju, jekk l-ewwel rimedju jirriżulta mhux tajjeb, tipprova tħassar id-donazzjoni fuq il-bażi ta' aspett sostantiv minħabba ksur ta' kundizzjoni;

41. Dawn iż-żewġ kawżali magħżula mill-attriċi ma jitolbux li jitressqu provi jew difiżi kunfliġġenti. Għalkemm iż-żewġ kawżali tal-azzjoni attriċi huma distinti u tressqu b'mod sussidjarju għal xulxin, dawn ma jipprekludux lil xulxin. Fl-aħħar mill-aħħar kull waħda minnhom hija maħsuba li twassal għall-istess finalità, *viz*. ir-radd lura tal-flejjes li hija tat lill-konvenuti b'donazzjoni. Kawżali bħal dawn jistgħu jitressqu flimkien mingħajr ma jwaqqgħu s-siwi tal-att promotur li fih ikun saru (ara f'dan is-sens ***Anthony Grima et v. David Micallef noe***, Appell Inferjuri, 12 ta' Ġunju, 2009 u ***Annot Company Limited v. Roberto Carlos Calleja***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Lulju, 2011);

42. Meta l-azzjoni attriċi tkun imsawra fuq aktar minn kawżali waħda, dak li jgħodd huwa li l-parti mħarrka tkun f'qagħda li tagħraf dak li qed jiġi allegat kontriha u tkun f'qagħda li tiddefendi ruħha kontra dik l-allegazzjoni. Il-fatt waħdu li fl-azzjoni attriċi jkunu tressqu diversi talbiet li jkunu dipendenti fuq elementi ġuridiċi differenti, ma jagħmilx l-azzjoni anqas ċara u lanqas jitfa' lill-imħarrek f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jiddefendi ruħu (ara ***Vincenza Vassallo v. Edgar Caruana Montalto et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru, 2001 u ***Anthony Camilleri v. Citadel Insurance p.l.c et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar, 2005);

43. Fil-każ tagħna, il-konvenut Paul Portelli jaf sew x'qiegħda tippretendi mingħandu l-attriċi għaliex huwa ressaq eċċezzjonijiet speċifiċi fejn ċaħad kull waħda minn dawn it-talbiet. Dan joħroġ ferm ċar kemm mill-ewwel eċċezzjoni tiegħu u kif ukoll mill-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tiegħu għaliex fihom huwa jispjega fil-qosor x'inhuma iż-żewġ kawżali tal-azzjoni mressqa minn Carmen Żammit. Terġa' u tgħid, il-konvenut Paul Portelli rnexxielu jressaq eċċezzjonijiet differenti biex jiddefendi ruħu minn kull kawżali li fuqhom hija msejsa l-azzjoni mressqa kontra tiegħu. Hekk pereżempju, il-ħames eċċezzjoni tal-ewwel risposta maħlufa u l-ħames eċċezzjoni tat-tieni risposta maħlufa tiegħu jindirizzaw l-ewwel kawżali dwar in-nullità tad-donazzjonijiet filwaqt li s-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tal-ewwel risposta maħlufa tiegħu u s-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tat-tieni risposta tiegħu jindirizzaw it-tieni kawżali dwar il-kundizzjoni riżoluttiva taċita marbuta mad-donazzjonijiet;

44. Għalhekk, fil-fehma tal-qorti l-azzjoni attriċi hija waħda ċara u l-konvenut Paul Portelli, mgħejun minn avukat tal-fiduċja tiegħu, żgur li fehem fejn Carmen Żammit trid tasal u t-toroq li għażlet li tieħu bi skop li tasal għall-għan tagħha. Dan ifisser ħaġa waħda biss, jiġifieri li l-azzjoni ta' Carmen Żammit kienet ċara biżżejjed u mhux magħmula minn pretensjonijiet li ma joqogħdux flimkien;

45. Fid-dawl ta' dan, din il-qorti qiegħda tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Paul Portelli li jinsabu fl-ewwel u fit-tieni risposta maħlufa tiegħu;

46. Għalhekk il-qorti issa tista' tgħaddi biex tqis it-talbiet tal-attriċi Carmen Żammit flimkien mal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut Paul Zammit. Peress li b'rabta mal-kawżali li d-donazzjonijiet inkwistjoni huma suġġetti għal kundizzjoni riżoluttiva taċita l-konvenut Paul Portelli ressaq l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*, din il-qorti jidhrilha li jkun xieraq li hija tindirizza din il-kawżali l-ewwel;

47. L-attriċi Carmen Żammit tgħid li d-donazzjonijiet li hija tat lill-konvenuti Portelli kienu suġġetti għall-kundizzjoni li jekk iż-żwieġ tagħhom ma jibqax fis-seħħ id-donazzjonijiet jitħassru u għalhekk il-flus mgħoddija lilhom ikollhom jiġu ritornati lura. **Fis-seba' eċċezzjoni tal-ewwel u tat-tieni risposta maħlufa tiegħu**, Paul Portelli jgħid li Carmen Żammit qiegħda tgħabbih bil-ħtija għat-tiġrif taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta Anna Maria Portelli, materja li dwarha hemm kawża oħra għaddejja quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u għalhekk deherlu li kellu jqajjem l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*;

48. Madankollu, il-konvenut Paul Portelli fl-ebda waqt tas-smigħ tal-kawża ma nsista fuq din l-eċċezzjoni tiegħu u mhuwiex għalkollox ċar huwa x'qiegħed jipprova jikseb permezz ta' din l-eċċezzjoni. Tabilħaqq, il-konvenut Paul Portelli ma fissirx li huwa qiegħed jistenna lil din il-qorti tħaddem l-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

49. Il-*lis alibi pendens* hija frażi Latina, li tirreferi għal meta azzjoni fuq l-istess oġġett jew mertu tkun pendenti x'imkien ieħor. Din hija kwistjoni serjissima għaliex jekk ikollok żewġ qrati li qegħdin jisimgħu l-istess tilwima dan jista' jwassal għal deċiżjonijiet li ma jaqblux bejniethom. Illi minħabba f'hekk, din l-eċċezzjoni tixxiebaħ f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi kostitutivi tagħha mal-eċċezzjoni tal-ġudikat (ara f'dan is-sens ***Silvio Frendo et v. Rudolph Gatt*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2015 u ***Crocifissa Sammut et v. Joseph Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2003). Kif ġie mpoġġi tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Kummerċ fis- sentenza ***Anatoli Reznikov et v. Nikolai A. Kotivov nomine*** maqtugħa fl-24 ta' Marzu, 1994,

> "*The plea is somewhat parallel with the plea of exceptio rei judicatae. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue"*

50. Biex ikun hemm każ ta' *lis alibi pendens* irid ikollok żewġ kawżi li huma bejn l-istess partijiet, fuq l-istess suġġett u bl-istess talbiet. Jekk jintwera dan, skont l-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** l-konsegwenza tkun li l-aħħar kawża li tkun saret tintbagħat quddiem l-Imħallef li jkun qed jisma' l-ewwel kawża sabiex il-mertu taż-żewġ kawżi jinstemgħu fi proċess wieħed (ara ***Joseph Attard et v. Mario Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);

51. Madankollu, fil-każ tagħna, iż-żewġ kawżi la għandhom l-istess partijiet, la għandhom l-istess suġġett u lanqas għandhom l-istess talbiet.

Tassew il-kawża li qiegħda tinstema' mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha biss bħala partijiet lil Paul Portelli u Anna Maria Portelli filwaqt li din il-kawża għandha bħala partijiet lill-istess konvenuti u lil Carmen Żammit. Hekk ukoll, is-suġġett u t-talbiet imressqa fil-kawża mismugħa mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huma dwar il-qasma tal-assi li Paul u Anna Maria Portelli kellhom fiż-żwieġ, filwaqt li fil-kawża tal-lum is-suġġett u t-talbiet huma dwar ir-radd lura ta' flejjes li Carmen Żammit tat b'donazzjoni lill-konvenuti. L-attriċi bħala allegata kreditriċi tal-konvenuti m'għandhiex għalfejn toqgħod tistenna li tintemm il-kawża tal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti li hemm bejn il-konvenuti għaliex il-jedd ta' kreditu tagħha ma jiddependix fuq il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti iżda jiddependi biss fuq jekk hija għandhiex jedd tiġbor flus mingħand il-konvenuti jew le;

52. Għalhekk, darba li l-elementi tal-*lis alibi pendens* ma ġewx sodisfatti, din il-qorti qiegħda tiċħad is-seba' eċċezzjoni tal-ewwel u tat-tieni risposta maħlufa ta' Paul Portelli;

53. Imiss issa li l-qorti tisħarreġ jekk id-donazzjonijiet li għamlet Carmen Żammit fis-27 ta' Lulju, 2005 u fl-4 ta' April, 2006 humiex suġġetti għall-kundizzjoni riżoluttiva taċita li dawn jiġu mħassra jekk iż-żwieġ ta' bejn il-konvenuti Paul u Anna Maria Portelli ma jibqax fis-seħħ;

54. Filwaqt li Carmen Żammit tisħaq li ż-żewġ donazzjonijiet kienu suġġetti għal din il-kundizzjoni riżoluttiva taċita, min-naħa tiegħu l-konvenut Paul Portelli mhux talli jgħid li ma kien hemm l-ebda kundizzjoni bħal din iżda huwa jallega wkoll li d-donazzjonijiet inkwistjoni huma fittizji u li hu u Anna Maria Portelli qatt ma rċivew fi flus l-ammonti ta' Lm12,000 u Lm8,000 mingħand Carmen Żammit;

55. Fit-teżi tiegħu, Paul Portelli jipprova jagħti l-impressjoni li d-donazzjonijiet ma seħħewx u li s-somma ta' Lm12,000 li huwa rċieva mingħand Carmen Żammit fis-27 ta' Lulju, 2005 tirrapreżenta dawk li l-flejjes li hu u Anna Maria Portelli ssellfu mingħand Carmen Żammit permezz tal-iskrittura privata tad-29 ta' Lulju, 2005;

56. Din il-qorti m'għandha l-ebda dubju li fis-27 ta' Lulju, 2005 għaddiet is-somma ta' Lm12,000 mill-kont bankarju ta' Carmen Żammit għal ġewwa l-kont bankarju ta' Paul Portelli għaliex l-attriċi ressqet prova ta' dan it-trasferiment bankarju (ara paġna 67 tal-atti tal-kawża). Hekk ukoll, skont ir-rendikonti bankjari li ġew ippreżentati matul l-istadju tal-provi jirriżulta li fis-27 ta' Lulju, 2005 il-kont bankarju ta' Carmen Żammit bin-numru 042-139709-050 miżmum mal-bank HSBC ġie mnaqqas bl-ammont ta' Lm12,000 filwaqt li fl-istess ġurnata l-kont bankarju ta' Paul Portelli bin-numru 012-003992-001 miżmum mal-bank HSBC irċieva ġewwa fih l-ammont ta' Lm12,000 (ara r-rendikonti bankarji f'paġni 786 u 109 tal-atti tal-kawża);

57. Din il-qorti ssibha diffiċli biex temmen li s-somma ta' Lm12,000 li ħarġet mill-kont bankarju ta' Carmen Żammit fis-27 ta' Lulju, 2005 u daħlet

fil-kont bankarju ta' Paul Portelli fl-istess ġurnata hija s-somma li Carmen Żammit sellfet lill-konvenuti Portelli fid-29 ta' Lujlu, 2005. Fil-fehma tal-qorti, ma kien jagħmel l-ebda sens li t-trasferiment tal-flus fir-rigward tas-self isir jumejn qabel ma tiġi ffirmata l-kitba privata. Wieħed jistenna li kwalunkwe somma ta' flus, li fil-każ tagħna fiż-żgur mhijiex waħda żgħira, tiġi mgħoddija flimkien ma' jew wara li tiġi ffirmata skrittura privata dwarha u mhux qabel;

58. Dwar il-flejjes l-oħra, fl-atti m'hemmx prova dokumentarja la tat-trasferiment tas-somma mislufa ta' Lm12,000 fid-29 ta' Lulju, 2005 u lanqas ta' dik ta' Lm8,000 li ngħatat b'donazzjoni fl-4 ta' April, 2006. Carmen Żammit tgħid li dawn ġew mgħoddija fi flus kontanti lil Paul Portelli (ara l-affidavit tagħha f'paġna 61 tal-atti tal-kawża). Fuq is-somma mislufa ta' Lm12,000, m'hemmx kwistjoni li dawn ġew mgħoddija tant li ngħatat anke sentenza dwarhom fil-proċeduri 1085/2017 MCH deċiża bejn l-istess partijiet. Dwar is-somma l-oħra ta' Lm8,000 mogħtija b'donazzjoni, din il-qorti ukoll m'għandha l-ebda dubju li dina fil-fatt għaddiet mingħand Carmen Żammit għal għand Paul Portelli. Minbarra li din it-teżi ġiet ikkonfermata minn Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina) waqt li kienet qiegħda tixhed in kontro-eżami (ara x-xiehda tagħha tas-27 ta' Settembru, 2021 f'paġna 1295 tal-atti tal-kawża), meta qalet li hija rat b'għajnejha stess lill-attriċi tnewwel il-flus lil Paul Portelli; il-kitba tal-4 ta' April, 2006 tgħid iswed fuq l-abjad li dina s-somma ta' flus kienet qiegħda tgħaddi għand il-konvenuti;

59. Dawn il-kitbiet ġew iffirmati quddiem l-avukat Leslie Cuschieri għaliex kien huwa stess li kitibhom (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 879 tal-atti tal-kawża), u barra minn hekk dawn huma ssiġillati bil-firma u bit-timbru tiegħu. Tassew, wieħed ma jifhimx kif Paul Portelli jisħaq li d-donazzjonijiet ma sarux meta kien huwa stess li resaq għall-firma tal-iskritturi privati rispettivi. Għalkemm, waqt ix-xiehda tiegħu tas-27 ta' Settembru, 2021, il-konvenut Paul Portelli bħal donnu ried jimplika li l-kitbiet tas-27 ta' Lulju, 2005 u tal-4 ta' April, 2006, u kif ukoll il-firem tiegħu fuqhom huma foloz, huwa kkonferma li l-firem jidhru li huma tiegħu (ara x-xiehda tiegħu minn paġni 1268 sa 1274 tal-atti tal-kawża);

60. Minkejja d-dubji li l-konvenut Paul Portelli ttenta jqanqal dwar l-awtentiċità tal-iskritturi privati u tal-firem tiegħu, huwa ma talabx li jinħatar espert tal-kaligrafija sabiex jeżamina l-firem tiegħu. Kif ingħad dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Maria Stella Calleja v. Brian Deġiorġio*** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2022, qorti ta' kompetenza ċivili għandha tiskarta allegazzjoni ta' firma falza jekk din ix-xilja ma tiġix msaħħa minn talba għal eżami tal-firma minn espert kompetenti;

61. Minbarra dan skont l-**artikolu 635(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** meta hu meħtieġ li tiġi vverifikata l-kitba ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument, dik il-prova tista' ssir b'xhieda li raw lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument. Fil-każ tal-lum, din il-prova saret permezz tal-avukat Leslie Cuschieri, li xehed li l-firem fuq il-kitbiet saru quddiemu u

huma ġenwini (ara paġna 880 tal-atti tal-kawża). Din il-qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx lill-avukat Cuschieri;

62. Għalhekk, meqjus li l-kitbiet saru quddiem avukat li kkonfermahom bil-firma u bit-timbru tiegħu, din il-qorti temmen li ż-żewġ donazzjonijiet fil-fatt seħħew. Għalhekk il-qorti qiegħda tiċħad ir-**raba' eċċezzjoni tal-ewwel u tat-tieni risposta maħlufa ta' Paul Portelli**;

63. Ladarba qiegħed jiġi stabbilit li ż-żewġ donazzjonijiet seħħew, din il-qorti sejra issa tistħarreġ jekk dawn kinux suġġetti għall-kundizzjoni li ssemmi Carmen Żammit. Skont l-**artikolu 1737(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, jekk id-donatur iżomm il-jedd li jħassar jew ibiddel id-donazzjoni, din id-donazzjoni tkun nulla, u dan sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor. Fil-fatt, l-istess kapitolu jaħseb għal numru ta' sitwazzjonijiet li fihom id-donazzjonijiet jistgħu jiġu mħassra, fosthom permezz ta' kundizzjoni riżoluttiva, li tista' tkun espressa jew taċita skont l-**artikoli 1066, 1067, 1068** u **1069** (ara l-**artikolu 1785 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**);

64. Il-<u>**Professur V. Caruana Galizia**</u> jikteb f'paġna 931 tan-***Notes on Law of Guarantees & Minor Contracts*** li, «*A donation may be made subject to a resolutive condition, provided the future event does not depend solely on the will of the donor, since such a condition would amount to a reservation of the power to revoke the donation.*» Ifisser dan, li donazzjoni ma tistax titħassar għas-sempliċi raġuni li d-donatur jista' jkollu bidla fil-ħsieb tiegħu (ara ***Pauline Vella Moran et v. Concetta Abela*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017);

65. Jekk it-tħassir tad-donazzjoni jsir bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva, il-beni jerġgħu lura għand id-donatur ħielsa minn kull piż jew ipoteka li d-donatarju jkun għamel fuqhom (ara l-**artikolu 1786 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

66. Il-kwistjoni issa hija xi tfisser kundizzjoni riżoluttiva. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Victor Chetcuti v. Joseph Farrugia*** deċiża fid-29 ta' April 1993 tfisser dan il-kunċett hekk:

> *"Meta kundizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula taċitament, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli (artikolu 1069). Iżda hemm differenza sostanzjali, fl-applikazzjoni tagħha, bejn il-waħda u l-oħra. Infatti jekk il-kondizzjoni risoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt meta l-kondizzjoni sseħħ, jinħall ipso iure, u l-Qorti ma tista` tagħti ebda żmien lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni (artikolu 1067). Jekk il-kondizzjoni risoluttiva hija taċita, il-kuntratt ma jinħallx ipso jure, u l-Qorti tista' skond iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni tiegħu".*

67. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, jirriżulta li l-attriċi Carmen Żammit qiegħda titlob il-ħall tal-kuntratti tad-donazzjonijiet għaliex hija

tgħid li dawn ingħataw lill-konvenuti bil-kundizzjoni li l-flejjes jintużaw għat-trawwim u għall-manteniment taż-żwieġ ta' bejniethom. Hija tgħid illi ladarba ż-żwieġ ta' bejniethom m'għadux fis-seħħ, iż-żewġ donazzjonijiet għandhom jiġu mħassra;

68. Skont l-attriċi Carmen Żammit din l-isemmija kundizzjoni kienet waħda taċita. Il-qorti qiegħda tifhem li Carmen Żammit qiegħda tallega dan għaliex din il-kundizzjoni mhijiex imniżżla fil-kitbiet privati tas-27 ta' Lulju, 2005 u tal-4 ta' April, 2006. Għalhekk, fiż-żgur ma jistax jingħad li l-kundizzjoni kienet waħda espressa għaliex din ma toħroġx minn dak li hemm miktub fiż-żewġ kitbiet;

69. Il-**Professur V. Caruana Galizia** jgħid f'paġna 936 tan-noti fuq imsemmija li,

> *"a tacit resolutive condition takes place in bilateral contracts whenever one of the parties fail to perform the obligations assumed by ther contract, so that a tacit resolutive condition in respect of donations presupposes an onerous donation and the non-performance on the part of the donee of the obligations he has undertaken to perform"*;

70. Issa wara li xtrarret bir-reqqa l-mod ta' kif inkitbu dawn iż-żewġ kitbiet, din il-qorti tħoss li hija ma tistax taqbel ma' dak li qiegħda tallega l-attriċi Carmen Żammit. Wara kollox, fil-kitbiet jingħad li d-donazzjonijiet kienu qegħdin isiru *ex gratia* lill-konvenuti Portelli għaliex Anna Maria Portelli tiġi bint l-attriċi. Minbarra dan, fil-kitbiet Carmen Żammit iddikjarat iswed fuq l-abjad li hija ma kienet qiegħda tippretendi t-twettiq tal-ebda obbligazzjoni (korrispettiv) mingħand il-konvenuti Portelli. Dan kollu jfisser li ż-żewġ donazzjonijiet ma kienu suġġetti għall-ebda kundizzjoni;

71. Għalkemm fir-rikors maħluf tagħha l-attriċi tfisser li l-flejjes ġew mogħtija minnha lill-konvenuti bil-kundizzjoni li dawn jintużaw fiż-żwieġ tagħhom u allura kellhom jiġu mrodda lura f'każ li ż-żwieġ ma jibqax fis-seħħ, fl-affidavit tagħha hija tagħti x'tifhem li hija qiegħda titlob li l-flus jiġu mrodda lura għaliex Paul Portelli kien qalilha li kien sejjer jitfagħha 'l barra minn daru, u għalhekk hija kienet sejra tispiċċa bla saqaf fuq rasha (ara paġna 62 tal-atti tal-kawża). Terġa' u tgħid, waqt li kienet qiegħda tixhed in kontro-eżami, l-attriċi Carmen Żammit ikkonfermat li hija kienet tat iż-żewġ donazzjonijiet bħala investiment biex il-konvenuti Portelli jħalluha toqgħod f'darhom (ara paġni 1197 u 1198 tal-atti tal-kawża) u li l-flus li hija kienet tathom b'donazzjoni talbithom lura mingħand Paul Portelli wara li huwa qalilha biex titlaq minn daru (ara paġna 1206 tal-atti tal-kawża);

72. Jiġi b'hekk, li l-attriċi Carmen Żammit qiegħda titlob lura l-flus li hija tat b'donazzjoni lill-konvenuti Portelli mhux għaliex iż-żwieġ tagħhom ma kienx għadu fis-seħħ jew għax dawn il-flus ma kinux intużaw għat-trawwim tal-familja tagħhom iżda għaliex il-konvenut Paul Portelli keċċieha 'l barra minn daru. Dan seta' kien ikun argument li wieħed kien ikollu jixtarru li kieku l-attriċi talbet it-tħassir tad-donazzjonijiet minħabba ingratitudni skont l-**artikolu 1787(ċ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, iżda din il-kawżali ma tqajmitx mill-attriċi fir-rikors maħluf u għalhekk din il-qorti ma

tistax u mhijiex beħsiebha tidħol fiha. Li tista' tgħid il-qorti f'dan l-istadju, huwa biss lid-donazzjonijiet inkwistjoni ma kinux soġġetti għall-kundizzjoni riżoluttiva taċita li qiegħda tallega l-attriċi Carmen Żammit għaliex il-konvenuti ma ntrabtux li jwettqu xi obbligazzjoni lejn Carmen Żammit meta tat id-donazzjonijiet. B'hekk din il-qorti sejra tgħaddi biex tilqa' s-**sitt eċċezzjoni tal-konvenut Paul Portelli**, kif miġjuba fl-ewwel u fit-tieni risposta maħlufa tiegħu;

73. Madankollu, l-azzjoni attriċi ma taqax hawnhekk, għaliex jifdal li tiġi mistħarrġa l-kawżali l-oħra tal-azzjoni, jiġifieri li d-donazzjonijiet huma nulli għaliex ma sarux b'att pubbliku skont l-**artikolu 1753 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

74. L-artikolu hawn fuq imsemmi jagħmel il-ħtieġa ta' att pubbliku bħala element formali tal-kuntratt tad-donazzjoni biex dan ikun jiswa f'għajnejn il-liġi. Fin-nuqqas ta' dan l-element, l-għotja li tkun saret b'donazzjoni tkun waħda nulla. Din-nullità tista' saħansitra tiġi mqajma minn min ikun ta d-donazzjoni (ara ***Giorgio Baldacchino v. Giorgio Borg pro et noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Novembru, 1957), hekk kif fil-fatt qiegħed isir mill-attriċi Carmen Żammit f'din il-kawża;

75. Il-konvenut Paul Portelli jgħid li f'dan il-każ ma kien meħtieġ l-ebda kuntratt pubbliku għaliex il-flejjes li Carmen Żammit għaddiet lilu u lil Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina) jikkwalifikaw taħt l-**artikolu 1753(2)(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, peress li dawn kienu rigal li għadda minn id għal id u li l-valur tagħhom ma kienx wieħed kbir meta jitqiesu l-kundizzjonijiet, il-fakultajiet ekonomiċi u l-mezzi tal-attriċi;

76. Il-qorti tqis li huwa minnu li f'ċerti ċirkostanzi speċjali m'hemmx il-ħtieġa li jsir kuntratt pubbliku biex donazzjoni tkun tgħodd. Dawn iċ-ċirkostanzi nsibuhom imsemmija fl-**artikolu 1753(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Madankollu, dan waħdu ma jwarrabx il-ħtieġa li jkunu sodisfatti l-elementi kollha l-oħra sabiex id-donazzjoni tkun tiswa. Tassew, minbarra l-aspett formali tal-kuntratt ta' donazzjoni nnifsu, f'każ ta' għotja minn id għal id jeħtieġ li jirriżultaw tliet elementi oħra: (i) l-għotja tal-ħaġa mid-donatur lid-donatarju; (ii) li l-valur tal-ħaġa mogħtija ma jkunx wieħed kbir u jkun proporzjonat mal-mezzi tad-donatur; u (iii) li d-donatur ikun irid jagħti dik il-ħaġa u jeħles minnha minnufih u għal dejjem. In-nuqqas ta' xi wieħed minn dawn l-elementi jwaqqa' għalkollox l-allegazzjoni tad-donazzjoni (ara ***Albert Fiorentino v. Rebecca Attard***, Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004 u ***Carmenu Lia et nomine v. Anthony sive Twanny Lia***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 17 ta' Jannar, 1995);

77. Issa fil-każ tagħna, l-attriċi Carmen Żammit torbot il-kawżali tagħha mal-aspett formalistiku tad-donazzjonijiet għaliex hija tgħid li ladarba dawn kienu jinvolvu ammonti mhux żgħar, dawn kellhom isiru b'att pubbliku biex ikunu jiswew, meqjus il-mezzi finanzjarji tagħha meta saru. Din il-kawżali hija simili ħafna għat-tieni element hawn fuq imsemmi, li jitlob li l-valur tal-ħaġa mogħtija b'donazzjoni tkun proporzjonata mal-mezzi tad-donatur;

78. Għalhekk, hawnhekk dak li trid tagħmel din il-qorti huwa li tiddetermina jekk il-valur tal-flejjes li Carmen Żammit irregalat lill-konvenuti huwiex wieħed bilanċjat meta meqjus mal-kundizzjoni ekonomika u patrimonjali tal-attriċi Żammit. Hekk pereżempju, f'każ partikolari fejn l-attur, li kellu patrimonju ta' madwar Lm50, kien irregala barbazzal tad-deheb lill-konvenuta, din il-qorti dehrilha li l-valur tad-donazzjoni ma kienx wieħed żgħir u proporzjonat għall-mezzi tal-attur, u għalhekk, ladarba d-donazzjoni ma kinitx saret b'att pubbliku kif trid il-liġi, din kienet nulla (ara ***Giorgio Baldacchino v. Giorgio Borg pro et noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Novembru, 1957);

79. Għalhekk il-qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-mezzi li kellha l-attriċi Carmen Żammit fil-perijodu li fihom saru d-donazzjonijiet, jiġifieri bejn Lulju tas-sena 2005 u April tas-sena 2006. Dan il-qorti sejra tagħmlu billi tifli n-numru konsiderevoli ta' rendikonti bankarji li ġew ippreżentati fl-atti waqt l-istadju tal-provi. Wara kollox ma ġiex pruvat li l-attriċi kellha xi proprjetajiet oħra apparti l-flejjes li hija kienet iżżomm f'idejha u fil-kontijiet bankarji tagħha. Dawn ir-rendikonti bankarji juru li f'dawk is-sentejn l-attriċi Carmen Żammit kellha madwar:

i. Lm1 fil-kont bankarju tagħha bin-numru 012-040465-001 miżmum il-bank HSBC (ara paġni 854 sa 686 tal-atti tal-kawża);

ii. Lm2,000 fil-kont bankarju tagħha bin-numru 012-040465-050 miżmum il-bank HSBC (ara paġni 687 sa 737 tal-atti tal-kawża);

iii. Lm5,000 fil-kont bankarju tagħha bin-numru 012-040465-101 miżmum il-bank HSBC (ara paġni 761 sa 771 tal-atti tal-kawża);

iv. Lm10,000 fil-kont bankarju tagħha bin-numru 012-040465-102 miżmum il-bank HSBC (ara paġni 772 sa 782 tal-atti tal-kawża);

v. Lm34,000 fil-kont bankarju tagħha bin-numru 042-139709-050 miżmum il-bank HSBC; (ara paġni 783 sa 791 tal-atti tal-kawża)

vi. Lm10,000 fil-kont bankarju tagħha bin-numru 012-040465-100 miżmum il-bank HSBC (ara paġni 792 sa 795 tal-atti tal-kawża); u

vii. Lm229 fil-kont bankarju tagħha bin-numru 042-139709-001 miżmum il-bank HSBC (ara paġni 796 sa 802 tal-atti tal-kawża);

80. Dan ifisser li b'kollox, fil-perijodu hawn fuq imsemmi, Carmen Żammit kellha madwar Lm61,230 depożitati fil-kontijiet bankarji tagħha. Ma' dan l-ammont jeħtieġ li jiġu miżjuda Lm20,000 peress li l-istess Carmen Żammit xehdet li dak iż-żmien hija kienet iżżomm madwar Lm15,000 u Lm20,000 fi flus kontanti f'idejha (ara x-xiehda tagħha f'paġna 1193 tal-atti tal-kawża);

81. Għalhekk, il-qorti qiegħda tqis li meta saru d-donazzjonijiet inkwistjoni, l-attriċi Carmen Żammit kellha patrimonju ta' Lm81,230. Meta

wieħed iqis li l-ammont ta' Lm20,000, li Carmen Żammit irregalat b'kollox lill-konvenuti Portelli, jammonta għal madwar kwart tal-patrimonju li hija kellha fl-istess żmien li saru d-donazzjonijiet, wieħed fiż-żgur ma jistax jasal għall-konklużjoni li l-valur tal-flejjes li hija tat bħala rigal kien wieħed proporzjonat mal-assi tagħha jew żgħir skont ma jitlob l-**artikolu 1753(2)(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

82. Fil-fehma tal-qorti, meqjus il-mezzi kapitali li Carmen Żammit kellha dak iż-żmien, l-ammont li hija tat b'donazzjoni huwa wieħed sostanzjali ferm, u għalhekk biex id-donazzjonijiet li hija tat ikunu jiswew f'għajnejn il-liġi kien jeħtieġ li dawn isiru permezz ta' att pubbliku. Għaldaqstant, din il-qorti qiegħda taqbel mal-kawżali tal-attriċi Carmen Żammit li ż-żewġ donazzjonijiet tas-27 ta' Lulju, 2005 u tal-4 ta' April, 2006 huma nulli għaliex dawn saru b'sempliċi kitba privata u mhux b'att pubbliku;

83. Għalhekk, il-**ħames eċċezzjonijiet tal-ewwel u t-tieni risposta maħlufa tal-konvenut Paul Portelli** qegħdin jiġu miċħuda;

84. Jifdal biss li jiġu mistħarrġa t-**tmien eċċezzjoni tal-ewwel u t-tieni risposta maħlufa ta' Paul Portelli**. F'dawn l-eċċezzjonijiet Paul Portelli jisħaq li ladarba l-attriċi Carmen Żammit mhijiex qiegħda tallega xi tort min-naħa tal-konvenuta Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina), u ladarba d-donazzjonijiet saru lill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm eżistenti bejnu u bejn il-konvenuta l-oħra, l-attriċi għandha dritt li titlob lura biss nofs l-ammont totali li ngħata b'donazzjoni;

85. Din il-qorti ma taqbilx ma' Paul Portelli li nofs l-ammont biss li ngħata b'donazzjoni għandu jintradd lura lil Carmen Żammit. Wara kollox, din il-qorti ħassret id-donazzjonijiet minħabba difett formalistiku fil-mod ta' kif saru d-donazzjonijiet u mhux minħabba xi ħtija ta' xi wieħed mill-konvenuti. Madankollu, kif sejjer jiġi mfisser aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, din il-qorti taqbel li l-konvenut Paul Portelli għandu jrodd lura lil Carmen Żammit biss nofs l-ammont ta' €45,568, li ngħadda lilu u lil Anna Maria Portelli b'donazzjoni;

86. Għalhekk, f'dan is-sens, it-tmien eċċezzjonijiet tal-ewwel u tat-tieni risposta maħlufa ta' Paul Portelli qegħdin jintlaqgħu;

87. Il-qorti tqis ukoll li Anna Maria Portelli rreġistrat ammissjoni għat-talbiet ta' Carmen Żammit. Bil-liġi, skont l-**artikolu 693 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**,

> *"Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".*

88. Dwar l-ammissjoni, il-Qorti tal-Appell qalet fis-sentenza tagħha ***Kimberley Joy Agius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2010,

> *"Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija regina probationum u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara "**Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et**", Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."*

89. Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-qorti qiegħda ssib li nofs is-sehem l-ieħor minn €45,568 għandu jintradd lura lil Carmen Żammit mingħand il-konvenuta Anna Maria Portelli (illum Żammit Cordina);

90. B'hekk il-qorti qiegħda tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' Carmen Żammit billi tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-ammont mitlub minnha u tordnalhom jħallsu bejniethom l-ammont ta' €45,568 fis-sehem ta' nofs kull wieħed;

91. Il-konvenuti però m'għandhomx jinżammu solidament responsabbli għas-somma sħiħa u dan għal għadd ta' raġunijiet differenti. Ibda biex, huwa magħruf li l-kwistjoni tas-solidarjetà ċivili ma tistax tiġi preżunta u trid tirriżulta jew minn provvediment tal-liġi jew trid tkun miftiehma espressament bejn il-kontraenti (ara **artikolu 1089 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta)**. F'dan il-każ, il-liġi ma tgħidx li hemm solidarjetà bejn id-donatarji (i.e. dawk li jkunu rċevew id-donazzjoni), meta d-donazzjoni tiġi mħassra. Barra minn hekk, il-kitbiet tad-donazzjoni li sejrin jitħassru ma jsemmu xejn dwar solidarjetà bejn il-konvenuti;

92. Lil hemm minn dan, ladarba d-donazzjoni kienet dwar somma ta' flus, din tista' faċilment tiġi maqsuma fi tnejn bejn il-konvenuti. F'dan ir-rigward il-qorti tħoss li jkun aħjar li l-attriċi tiġbor nofs l-ammont mingħand konvenut wieħed u nofs l-ammont l-ieħor mill-konvenuta l-oħra. Dan mhux biss minħabba li-fatt li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-konvenuti illum ġiet mitmuma imma anke għaliex l-Imħallef li qed ipoġġi f'din il-qorti seta' jħoss l-imrar u l-antipatija li hemm bejn l-attriċi u l-konvenuta Anna Maria Żammit Cordina fuq naħa u l-konvenut Paul Portelli fuq in-naħa l-oħra. Naturalment hawnhekk il-Qorti qiegħda żżomm f'moħħha li l-konvenuta Anna Maria Żammit Cordina tiġi bint l-attriċi u f'din il-kawża din mhux biss ammettiet għat-talbiet attriċi iżda tista' tgħid ingħaqdet ħaġa waħda mal-attriċi fil-konfront tal-konvenut Paul Portelli. Is-solidarjetà bejn il-konvenuti f'dan il-każ għalhekk ma hu ħa jservi ta' ebda benefiċċju lill-attriċi, ħlief li tkompli żżid aktar l-inkwiet li hemm bejn il-konvenuti. Għalhekk il-qorti tqis li l-konvenuti m'għandhomx jiġu kkundannati *in solidum* bejniethom iżda kull wieħed minnhom għandu jrodd lura nofs is-somma mogħtija bid-donazzjonijiet;

93. Fuq l-imgħax mitlub mill-attriċi, il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ħa timxi fuq ir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax, tidħol ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-

sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie German et***, deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005,

> *"Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione» (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**)"*

94. Fil-każ tagħna, jirriżulta li l-attriċi Carmen Żammit sejħet lill-konvenuti biex titħallas dak dovut lilha b'ittra uffiċjali fil-21 ta' Frar, 2017. Għalhekk, il-qorti sejra tordna li l-imgħax li l-konvenuti għandhom iħallsu lill-attriċi Carmen Żammit għandu jitlaq mid-data li fiha din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata liż-żewġ konvenuti";

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "…jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tiegħu u konsegwentement tiddikjara rrita u nulla l-azzjoni proposta mill-attriċi; jew sussidjarjament tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu li l-imsemmija donazzjonijiet kienu validi fil-forma ta' skritturi privati li bihom saru; u fl-eventwalita` li ma jintlaqawx l-ewwel żewġ aggravji, tilqa' it-tielet aggravju u tikkundana lill-attriċi appellata sabiex tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kif maħsub fl-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12".

8. Rat ir-risposta ta' Carmen Zammit li bis-saħħa tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż doppji;

9. Rat ir-risposta ta' Dr. Anna Cordina Zammit (ġia Portelli) li bis-saħħa tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti illi:

> "…s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma, salv għall-ispejjeż u dan billi għandhom ikunu akarika ta' Paul Portelli stante li l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju, u għalhekk l-appellata hija ta' l-umli fehma li għandu jiġi applikat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12".

10. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi f'din il-kawża, l-attriċi li tiġi omm il-konvenuta Dr. Anna Maria Portelli, tgħid li hi tat lill-konvenuti somma sostanzjali ta' flus b'donazzjoni peress illi kienu sejrin jiżżewġu u dan bħala għajnuna. Dan iż-żwieġ bejn il-konvenuti ma seħħx u l-attriċi qed titlob li tingħata dawn il-flus lura fuq is-saħħa tal-fatt (1) li l-flus kienu ngħataw b'kondizzjoni riżoluttiva taċita li jseħħ iż-żwieġ, u (2) li d-donazzjoni ma saritx b'att pubbliku kif trid il-liġi meta l-ammont ma jkunx proporzjonat mal-mezzi tad-donatur.

12. L-ewwel Qorti ma aċċettatx li d-donazzjoni kienet soġġetta għall-kondizzjoni riżoluttiva taċita, pero`, aċċettat li fiċ-ċirkustanzi s-somma mogħtija b'donazzjoni, ammontanti komplussivament għal €45,568, ma kinitx waħda moderata u la l-obbligazzjoni ma saritx b'att pubbliku għandha titqies nulla.

13. Il-konvenut appella mis-sentenza. Fl-ewwel lok ilmenta li l-ewwel Qorti ma aċċettatx l-ewwel eċċezzjonijiet tiegħu li r-rikors hu null għax saru talbiet konfliġġenti. Fit-tieni lok, jilmenta li, fil-mertu, it-talba attriċi għat-tħassir tad-donazzjoni ma kellhiex tiġi milqugħa. Ressaq aggravju wkoll mal-fatt li l-konvenuti ġew akkollati bil-ħlas kollu tal-ispejjeż tal-kawża.

14. Trattat l-appell, din il-Qorti assolutament ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti. It-talbiet attriċi huma alternattivi iżda mhux kontradittorji. L-attriċi qed tressaq it-talba tagħha għat-tħassir tad-donazzjoni fuq żewġ binarji, u ċioe`, li l-iskritturi ta' donazzjoni huma validi iżda issa mħassra għax seħħet kondizzjoni riżoluttiva, u li f'kull każ, l-istess skritturi huma nulli għax ma sarux b'att pubbliku. Meta tqis li f'każ ta' kondizzjoni riżoluttiva li sseħħ, il-kuntratt jitqies "bħala kieku l-obbligazzjoni ma kienet qatt magħmula" (Artikolu 1066 tal-Kodiċi Ċivili), il-konsegwenza taż-żewġ ċirkostanzi huma l-istess, u ċioe`, li d-donazzjonijiet qatt ma saru.

15. Il-ġurisprudenza lokali ma tridx li jkun hemm kawżali li ma jkunux jistgħu joqogħdu flimkien, iżda mhux li jkollok talba waħda mibnija fuq aktar minn sies legali jew ġuridiku wieħed. F'dan il-każ, iż-żewġ raġunijiet jistgħu joqogħdu flimkien għax waħda ma teskludix lill-oħra. L-ewwel Qorti għamlet analiżi korretta tas-sitwazzjoni u din il-Qorti taqbel li ż-żewġ

kawżali jistgħu jitmexxew flimkien b'mod alternattiv (ara partikolarment dak li qalet l-ewwel Qorti fil-paragrafi 40 u 41 tas-sentenza tagħha).

Dan l-ewwel aggravju, għalhekk, qiegħed jiġi miċħud.

16. Fil-kuntest tal-aggravju fil-mertu, hawn ukoll taqbel mas-sentenza tal-ewwel Qorti. Meta tqis li l-attriċi kellha assi ta' madwar Lm81,230 u għamlet donazzjonijiet ta' Lm20,000, u ċar li d-donazzjonijiet ma humiex ta' entità żgħira. Il-fatt li dawn id-donazzjonijiet inqasmu f'żewġ pagamenti ma hu ta' ebda suffraġju għall-konvenut meta jidher li d-donazzjonijiet saru għall-istess skop u bażikament taħt l-istess ċirkostanza. Tkun ħaġa mhix f'postha jekk donatur jitħalla jabbuża u jevita dak li trid il-liġi bl-Artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili billi jaqsam donazzjoni mhux żgħira f'biċċiet żgħar. Dawn kienu żewġ donazzjonijiet li saru fi żmien qasir bejn waħda u oħra, lill-istess żewġ persuni u bi skop li dawn iż-żewġ persuni jiġu mgħejjuna fil-preparazzjoni tagħhom għaż-żwieġ. Din il-Qorti, għalhekk, ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza appellata.

Dan l-aggravju hu għalhekk ukoll miċħud.

17. L-aggravju dwar l-ispejjeż tal-ewwel istanza wkoll qed jiġi miċħud. Huwa veru li dak li talbet l-attriċi ma ġiex milqugħ għar-raġunijiet kollha li hi semmiet, però, fl-aħħar mill-aħħar, l-attriċi rebħet il-kawża u l-konvenuti ġew ikkundanati jħallsu dak li riedet l-attriċi. Din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba l-użu tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward.

18. Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna li d-dokumenti li ġew ippreżentati *animo ritirandi* u li kellhom jinżammu fis-sigrieta tal-Qorti tul is-smigħ tal-kawża, jistgħu jiġu ritornati lil min esebihom wara talba li ssir għal daqshekk b'rikors u titħalla d-debita riċevuta.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Dr. Paul Portelli billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjeż kollha ta' din it-tieni istanza jitħallsu mill-imsemmi konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm